**7 ta' Frar, 1985**

**Imħallef: -**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur John C. Suda)

*versus*

Francis *sive* Franco Farrugia

## L-Elementi tar-Reat ta' Truffa

***"Post-dated" cheques maħruġa fuq kont fejn m'hemmx iddepositati flus u meta qatt ma setgħu jiġu onorati jagħtu lok għal truffa.***

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-Kumpilazzjoni fejn l-imputat ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur, żamm il-fond magħruf bħala '*Pacific Auto Dealer*' li jinsab 129, Rue D'Argens, Msida, għas-sengħa, negozju jew kummerċ ta' xiri u bejgħ ta' vetturi, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, (2) barra minn dan, f'dawn l-aħħar xhur, b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li kienu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, approprja ruħu, billi

dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor, ċjoè karrozza *Triumph Herald* 13/60, Reg. No. R-4705, li xtara mingħand Raymond Falzon għas-somma ta' Lm840; karozza *Alfa Sprint* Reg. No. A-3142, li xtara mingħand Charles Chetcuti għas-somma ta' Lm3,300; karrozza *Escort* Reg. No. T-4424, li xtara mingħand Franco Micallef għas-somma ta' Lm1,200; karrozza *Datsun Sunny* Reg. No. S-8213 li xtara mingħand Bernadette Libreri għas-somma ta' Lm2,800; u karrozza *Alfa Romeo Julia* li xtara mingħand Emanuel Said għas-somma ta' Lm1,400; karrozza *Escort* Reg. No. G-1154 li xtara mingħand Philip Brincat għas-somma ta' Lm1,650; karrozza *Fiat 124 Station Wagon* Reg. No. S-5919 li xtara mingħand Alfred Camilleri għas-somma ta' elf u sitt mitt lira (Lm1,600); u liema karrozzi ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titlu illi jġib miegħu obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, minħabba kummerċ; (3) billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor, ċjoè kwantità ta' żebgħa li xtara mingħand *C.M.P*. Mill Street, Qormi, li valur tagħha tlaħħaq għas-somma ta' Lm5,600; barra minn dan, fl-istess żmien, post u ċirkostanzi, iffalsifika ċeduli, polzi, ordni jew dokumenti oħra, ċjoè *cheques* tal-*Bank of Valletta, Floriana Branch*, f'isem Raymond Falzon, ċewġ *cheques* ta' Lm420 il-wieħed; f'isem Charles Chetcuti għas-somma ta' Lm3,300; f'isem Franco Micallef għas-somma ta' Lm1,200; f'isem Franco Micallef għas-somma ta' Lm1,200; f'isem Bernadette Libreri għas-somma ta' Lm2,800; f'isem Emanuel Said għas-somma ta' Lm1,400 żewġ *cheques* ta' Lm825 kull wieħed f'isem Philip Brincat u ieħor f'isem *Gasan Enterprises Ltd*, għas-somma ta' Lm423 u aktar ffalsifika *cheque* ta' *Trustee Savings Bank* ta' Londra għas-somma ta' £5,050 Sterlina; (5) barra minn dan xjentement għamel użu mill-imsemmija *cheques*; barra minn dan, fl-istess żmien, post u

ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firmi, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi; (6) barra minn dan xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq; (7) barra minn dan, fl-istess żmien, post u ċirkostanzi, biex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal xi ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz; (8) barra minn dan, fl-istess żmien, post u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' entrapriza foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ bi ħsara ta' diversi persuni, ċjoè billi ta *cheques* tal-*Bank of Valletta*, lil-Raymond Falzon, żewġ *cheques* ta' Lm420; lil Charles Chetcuti, għas-somma ta' Lm3,300; lil Franco Micallef, għas-somma ta' Lm1,200; lil Bernadette Libreri għas-somma ta' Lm2,800; u lil Emanuel Said għas-somma ta' Lm1,400; lil Philip Brincat żewġ *cheques* ta' Lm825 kul wieħed u lil *Gasan Enterprises Ltd.*, għas-somma ta' Lm423; u dan meta kien jaf li ma kellu flus f'dan il-Bank, ċjoè il-*Bank of Valletta, Floriana*; (9) aktar billi ħallas lil Joseph Grech Sant għal xiri ta' merkanzija, b'*cheque* ta' *Trustee Savings Bank* ta' Londra fis-somma ta' £5,050 (Sterlina), liema *cheque* kien jaf li kien bla validita'; barra minn dan Francis *sive* Franco Farrugia huwa reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-24 ta' Ottubru, 1980;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Diċembru, 1981 fejn l-imputat ddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat u

deċiż mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bi proċedura sommarja;

Rat l-att ta' Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Jannar, 1983, fejn bagħat l-atti tal-Kumpilazzjoni lura lil din il-Qorti biex tiddeċidi fuq l-akkużi billi tista' tinstab ħtija ta' l-imputat taħt dak li hemm maħsub: -

(a) Fl-artikoli 175(1), 177A (1), 192, 195 (1)(2), 195A, 196, 307, 308, 322, 323, 324 (1)(a), 20 u 527 tal-Kodiċi Kriminali.

(b) *fl-artikolu 10(a) ta' l-Att XII ta' l-1957.*

(ċ) fl-artikolu 165 (1) tal-Kap. 13;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-18 ta' Novembru, 1983 li biha sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel u t-tieni akkużi u ċjoè talli fl-10 ta' Awissu, 1981, f'dawn il-Gżejjer iffalsifika *cheque* ta' *Trustee Savings Bank* ta' Londra għas-somma ta' £5,050 Sterlina u xjentement għamel użu mill-istess sabitu mhux ħati tat-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitta, is-seba' u t-tmien akkuża billi dawn huma alternattivi għall-ewwel żewġ akkużi u minnhom illiberatu, ma sabitux ħati tad-disa' akkuża ta' approprijazzjoni bla jedd billi ma tirriżultax u minnha illiberatu, sabitu ħati tal-għaxar imputazzjoni u ċjoè talli f'dawn l-aħħar xhur mill-31 ta' Awissu, 1981 b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'dawn il-Gżejjer b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti

immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ bi ħsara ta' diversi persuni u ċjoè billi ta *cheques* maħruġa fuq il-*Bank of Valletta* lil Bernadette Libreri għas-somma ta' Lm2,800, lil Philip Brincat għas-somma ta' Lm1,650, lil Francis Micallef għas-somma ta' Lm1,200 lil Raymond Falzon għas-somma ta' LM840, lil Emanuel Said għas-somma ta' Lm1,400 lil *Gasan Enterprises Limited* għas-somma ta' Lm423 u lil Charles Chetcuti għas-somma ta' Lm3,300 u dan meta kien jaf li ma kellux flus f'dan il-Bank u l-kont relattiv ma kienx utilizzat, bl-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputat fil-maġġor parti tar-reati jeċċedi s-somma ta' ħames mitt lira, ma sabitux ħati tal-ħdax-il akkuża billi din hija alternativa għall-għaxar waħda u minnha lliberatu u sabitu ħati wkoll tat-tlettax-il akkuża u kkundannatu wara li rat l-Artikoli 175 (1), 322, 324 (1)(a), 20 u 32 tal-Kap, 12 u l-art. 165(1) u 314(1)(b) tal-Kap. 13, għal tlettax (13)-il xahar priġunerija fuq l-ewwel u t-tieni akkuża, għal ħdax (11) -il xahar priġunerija fuq l-għaxar akkuża u għoxrin lira Maltija (Lm200) fuq it-tlettax-il akkuża u dwar it-tnax l-imputazzjoni billi fis-sentenza indikata u esebita mill-Prosekuzzjoni a fol. 96 tal-proċess ġiet imposta l-kundizzjoni li l-imputat ma jagħmilx reat ieħhor għal żmien sitt (6) xhur mill-24 ta' Ottubru, 1980 li jagħalqu fit-23 ta' April, 1981, u r-reati li tagħhom illum instab ħati l-imputat ġew kommessi wara l-1 ta' Lulju, 1981 sabet li l-imputat ma kisirx il-kundizzjoni fuqu imposta u l-istess akkuża numru tnax (12) ibbażata fuq l-Art. 10(a) ta' l-Att XII ta' l-1957 ma tirriżultax u minnha lliberatu u fl-aħħarnett iddikjarat li mhux applikabbli l-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali billi fil-proċeduri ma ġewx maħtura esperti jew periti u dan kollu wara li dik l-Onorabbli Qorti;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża;

Ikkunsidrat:

Illi mill-Att ta' Rinviju msemmi ta' l-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Jannar, 1983, l-akkużi dedotti kontra l-imputat huma s-segwenti:-

(1) Talli ffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi tagħhom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depositu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

(2) Talli għamel użu xjentement minn waħda mill-karti msemmijin fl-ewwel akkuża;

(3) Talli għamel falzifikazzjoni f'Att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firmi, billi ħoloq pattijiet jew dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien foloz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi, jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-attijiet jew skritturi wara li jkunu ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fattijiet illi dawk l-attijiet jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(4) Talli għamel użu xjentement minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fit-tielet akkuża;

(5) Talli b'firem foloz, jew b'tibdil f'attijiet, fi skrittura jew f'firma, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux oħra jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistru jew f'Attijiet pubbliċi oħra wara li jkunu diġà ffirmati jew magħluqa għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tista' tagħmel ħsara lil ħaddieħor jew iġġib utili;

(6) Talli xjentement għamel użu mill-iskrittura privata msemmija fil-ħames akkuża;

(7) Talli, biex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal xi ħaddieħor f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

(8) Talli għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

(9) Talli approprija ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun fdata jew ikkonsennata lilu taħt titlu illi jġib miegħu l-obbligazzjoni tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema ħaġa setgħet ġiet fdata lilu jew ikkunsennata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depositu neċessarju;

(10) Talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' entraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor;

(11) Talli bi ħsara ta' ħaddieħor għamel qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-akkużi preċedenti;

(12) Talli kiser il-kundizzjonijiet lilu mposti fl-għoti tal-libertà kundizzjonata fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ottubru, 1980, fil-kawża "Il-Pulizija vs Francis Farrugia";

(13) Talli fl-aħħar xhur mill-1 ta' Lulju, 1981, żam il-fond magħruf bħala "*Pacific Auto Dealer*" li jinsab f'129, Rue D'Argens, l-Imsida għas-sengħa, negozju jew kummerċ ta' xiri u bejgħ ta' vetturi mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni inklużi l-istqarrija ta' l-imputat, jirriżulta illi l-imputat beda l-attività tiegħu li tat lok għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu fl-1 ta' Lulju, 1981, id-data li fiha beda jiġġestixxi negozju ta' *Auto dealer* fil-fond 129, Rue D'Argens, l-Imsida, u dan mingħajr ebda liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ippruvat mix-xhieda ta' P.C. 113 Joseph Attard (fol. 111);

Illi apparti n-negozju li sar ma' Alfred Camilleri li jwassal biss għal debitu Kummerċjali ta' l-imputat u n-negozju li sar mal-kampanija *C.M.P. Limited* li jiġi kkunsidrat aktar tard, il-każijiet kollha l-oħra indikati mill-Prosekuzzjoni huma simili għal xulxin u jsegwu lkoll l-istess desinn u ċjoè li l-imputat kien jixtri karozza mingħand diversi proprjetarji u biex jottjeni dilazzjoni fil-pagament tal-prezz miftiehem kien jikkonsenja *cheques* post-datati fuq kont numru 861717518 mal-fergħa ta' St. Anne's Street, Floriana tal-*Bank of Valletta*, liema *cheques* qatt ma ġew imsarfin billi jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Bruno Cassar illi f'dan il-kont qatt ma ġew iddepożitati flus sa mill-bidu

ta' Lulju 1981, meta l-imputat beda n-negozju ta' *auto-dealer ;*

Iċ-*cheques* maħruġa mill-imputat huma dawn: -

1) fil-31 ta' Awissu, 1981, lil Bernadette Libreri għas-somma ta' Lm2,800 (Dok. BL 1 fol. 46);

2) fil-31 ta' Awissu, 1981, lill Philip Brincat żewġ cheques għal total ta' Lm1,650 (Dokti. HB1 U HB2 fol. 88);

3) f'Settembru, 1981, lil Francis Micallef għas-somma ta' Lm1,200 (Dok. FM 1 a fol. 90);

4) fis-7 ta' Settembru, 1981, lil Raymond Falzon żewġ cheques għat-total ta' Lm840 (Dokti. RF 2 u RF 3 a fol-38);

5) fis-7 ta' Settembru, 1981, lil Emanuel Said għas-somma ta' Lm1,400 (Dok. ES 1 a fol. 51);

6) lill *Gasan Enterprises Limited* fit-2 ta' Ottubru, 1981 biex jissarraf dak inhar stess għas-somma ta' Lm423 (Dok. HB 4 a fol. 88);

7) fl-4 ta' Ottubru, 1981 lil Charles Chetcuti għas-somma ta' Lm3,300 (Dok. CC 1 a fol. 32);

Dawn iċ-*cheques* kollha jammontaw għal valur totali ta' ħdax-il elf sitt mija u tlettax-il lira Maltija (Lm11,613) u meta wieħed jikkunsidra li matul il-perijodu kollu li dam joħroġ dawn iċ-*cheques* , kważi erba' xhur l-imputat ma għamel ebda depositu anke biex ikopri parti miċ-*cheques* jeskludi xi intenzjoni ta' l-imputat li dawk iċ-*cheques* setgħu jiġu onorati, u l-użu ta'

l-istess *cheques* kien intiż biex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' kreditu immaġinarju. Infatt anke l-fatt waħdu li l-imputat ħareġ *cheque*, anke biex jissarraf f'data aktar tard, fuq kont mhux utilizzat u vojt jammonta fih innifsud għall-ingann ikkontemplat fl-Artikolu 322 tal-Kap. 12 u dan peress illi ċ-*cheque* stess jippresupponi almenu l-eżistenza ta' kont korrenti ma' bank li qed jiġi utilizzat. Apparti l-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq il-frodi ta' l-imputat hija ppruvata konklussivament minn xhieda ta' Bernadett Libreri li biex taċċetta dilazzjoni fil-pagament tal-prezz dovut lilha, *oltre* l-ħruġ tas-solitu *cheque*, ġiet murija *cheque* għas-somma ta' LStg. 29,800 (Dok. JS 3 a fol. 26) li kif stqarr l-istess imputat huwa *cheque* ffalsifikat, u ġiet anke murija ittra ta' mart l-imputat tagħti struzzjonijiet biex tiġi ttrasferita fil-kont ta' Libreri s-somma ta' LM4,000 liema transferiment qatt ma sar;

Għal dak li jirrigwarda l-każ li fih ġiet involuta l-kumpanija *C.M.P. Limited* , jirriżulta ampjament anke mill-istqarrija tal-istess imputat illi ċ-*cheque* LStg. 5,050 (Dok. JG1 a fol. 51) ġie ffalsifikat mill-imputat bi ksur ta' l-Artikolu 175 (1) u ġie użat minnu xjentement bi frodi għad-dannu ta' l-istess kumpanija però billi hawn jirriżulta konkors formali ta' reati l-imputat għandu jiġi kkundannat biss għar-reat l-iktar gravi li huwa dak tal-falsifikazzjoni;

Rat a fol. 147 ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha fil-parti kondonnatorja tagħha u konsegwentement tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti kollha esebiti in

kwantu rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li meta ħareġ iċ-*cheques* parteċipali ma kellu ebda intenzjoni li dawn iċ-*cheques* ma jissarfux. Infatti dawn kollha ħerġin f'epoki viċin xulxin meta l-istess appellant kien qiegħed jistenna li jdaħħal somma ta' flus konsiderevoli li bihom huwa kien ikun f'pożizzjoni li jonora kull *cheque* li huwa seta' ħareġ. Għalhekk isostni l-appellant il-presuppost ta' l-artikolu 322 tal-Kodiċi Kriminali li fondament tiegħu huwa l-*mise-en-scene* huwa mankanti;

Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tħoss li *ammeno chè* l-appellant mhux it-tip ta' bniedem li jemmen il-gideb tiegħu stess ma tistax altriment tieħu l-aggravju tiegħu bis-serjetà. Dana għaliex l-istorja kollha li ġiet ippreżentata lill-Qorti hi *messa in scena* waħda mill-bidu sat-tmien bl-imputat minn ħin għall-ieħor jeskoġita metodi u skużi biex jiskrokkja lill-klijenti tiegħu. Dana ukoll apparti minn konsiderazzjonijiet oħra ta' natura legali dwar s-sottomissjonijiet tiegħu dwar kemm u jekk hix meħtiega l-*messa in scena;*

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-akkuża ta' falsifikazzjoni li tagħha instab ħati l-imputat, huwa ssottometta illi l-presuppost ta' l-artikolu li taħtu ġie misjub ħati huwa li meta jiġi ppreżentat f'bank jew stabbiliment pubbliku ieħor mwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern il-pagament jiġi ottenut bil-preżentata ta'

l-istess u illi fil-każ in diżamina ma jidhirx li t-*Trustee Savings Bank* ta' Londra huwa xi bank imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ta' Malta u għalhekk dan ir-rekwiżit tar-reat huwa mankanti;

Ikkunsidrat:

Illi dan l-aggravju din il-Qorti tħares minn fejn tħares ma tistax tara validità fih. Infatti l-artikolu 175 (1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

"Kull *minn jiffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti* oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jaħel ......";

Hu ċar minn dan l-artikolu illi l-fatt li l-falzifikazzjoni saret fuq *cheque* ta' bank estern ma jbiddel xejn mill-pożizzjoni ġuridika għax ma hemm xejn fil-kliem ta' l-imsemmi Artikolu li jeskludi *cheques* bħal dak in eżami. Bl-istess argument tad-difiża jekk wieħed per eżempju jiffalsifika *dividend warrant* tat-teżor Ingliż ma jkun qed jikkommetti ebda reat. Imma dan bir-rispett kollu ma jagħmilx sens għax kemm wieħed kif ukoll l-ieħor jistgħu jiġu ppreżentati f'bank Malti għal biex isir ħlas jew depożitu għalhekk l-argument tad-difiża ma jreġix;

L-appellant eċċepixxa ukoll il-preskrizzjoni fir-rigward tal-imputazzjoni li żamm fond adibit għan-negozju mingħajr liċenzja *mill-Kummissarju tal-Pulizija u però din il-Qorti ma ssibx din* l-eċċezzjoni ppruvata;

Ikkunsidrat dwar il-piena:

Illi fil-mori ta' l-Appell, l-appellant ħallas lil xi kredituri u ppromettа li jirranġa ma' oħrjan u dan ċertament din il-Qorti sejra tieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra bħal mod kif ġew kommessi d-diversi frodi u l-ħin tal-pagament, se jiġi ppreċiżat ukoll li din ir-ridizzjoni ser issir biss fir-rigward tal-piena inflitta fuq l-akkuża tal-ksur ta' l-art. 322 iżda mhux fir-rigward tal-kumplament peress li f'dan ir-rigward din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tvarja xejn;

Għak dawl-dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost kif ġej u ċjoè billi qabel xejn tikkonferma s-sentenza appellata kull fejn sabet lill-imputat ħati jew mhux ħati tad-diversi akkużi migjuba kontrih, tikkonfermaha ukoll in kwantu kkundannat lill-imputat appellant għall-piena ta' tlettax-il xahar priġunerija fuq l-ewwel u t-tieni akkużi, tirriformaha in kwantu ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' ħdax-il xahar priġunerija fuq l-għaxar akkuża billi tirriduċi l-perijodu ta' priġunerija għal dan ir-reat għal tliet xhur u dan bl-applikazzjoni ta' l-art. 23A tal-Kap. 12 ibbażat kif fuq ingħad u tikkonferma l-kumplament kollu tas-sentenza appellata.